**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Josric Mifsud)**
**vs**
**Matthew Lanzon**

**Illum, 15 ta' Gunju 2016**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Matthew Lanzon**, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 406584M.

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fl-24 ta' Novembru 2000, u f'dan l-ahhar xahar qabel din id-data:

a) Kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) Biegh jew xort'ohra ittraffika fir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza.

c) Aktar talli ikkommetta dawn ir-reati f'post, fi/jew gewwa centru, u/jew f'distanza ta' mitt (100) metru mill-perimetru ta' post fejn jiltaqghu iz-zaghzagh bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghhom.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ra illi fis-seduta ta' l-14 t'Ottubru 2015, Il-Prosekuzzjoni u d-Difiza ezentaw lill-Qorti kif preseduta milli tisma' l-kaz mill-gdid;

Semghet trattazzjoni mill-gdid tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar l-24 ta' Novembru 2000 il-Pulizija giet infurmata li kien hemm guvni go l-iskola Junior College, Gian Frangisk Abela, li kellu fil-pussess tieghu l-cannabis[1]. L-imputat ikkopera mal-Pulizija u fil-fatt meta saritlu t-tfittxija tahom tlett bicciet cannabis li kellu fil-basket.

**Kunsiderazzjonijiet Dwar il-Htija**

L-imputat irrilaxxja stqarrija[2] dakinhar stess wara li gie moghti s-solita twissija li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma jkunx jixtieq li jaghmel dan, imma dak li jghid jista' jingieb bhala prova.

---

[1] Xhieda Spettur Josric Mifsud folio 18.

[2] A folio 5.

Illi fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni, u cioe' dik li tikkontempla l-pussess semplici tal-cannabis, m'hemmx dubju illi din tirrizulta ppruvata, stante illi d-droga instabet fil-pussess ta' l-imputat, anzi kien hu stess li taha lill-Pulizija minn gol-basket tieghu.

Illi fir-rigward tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni fuq l-iskorta tad-decizjoni tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem Mario Borg vs Malta deciza fit-12 ta' Jannar 2016, fejn gie deciz illi kulhadd ghandu jkollu d-dritt ghall-parir legali qabel wiehed jaghti l-istqarrija tieghu lill-Pulizija u in oltre tali dritt ma ghandu jkun ristrett bl-ebda mod u manjiera in partikolari jekk persuna hiex persuna vulnerabbli etc izda ghandu japplika ghal kulhadd, il-Qorti ser tiskarta l-istqarrija tal-imputat bhala prova. Anke jekk fil-kaz odjern ma hemmx dubju li l-imputat dak iz-zmien kien minorenni u kien persuna vulnerabbli stante illi qatt ma kellu xi jghid mal-Pulizija precedentament.

Illi fit-22 t'April 2002 , il-Prosekuzzjoni ddikjarat illi l-imputat ghandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta[3]. L-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

> "*Meta dwar persuna misjuba hatja ta' reat kontra din l-Ordinanza, il-prosekuzzjoni tiddikjara fil-process li dik il-persuna tkun ghenet lill-Pulizija biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni li jkunu pprovdewlha l-medicina, jew il-persuna misjuba hatja kif intqal qabel tipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li tkun hekk ghenet lill-Pulizija, il-piena titnaqqas, dwar prigunerija, bi grad wiehed jew tnejn, u dwar piena pekunjarja, b'terz jew b'nofs*".

[3] Ara folio 29.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tar-reat in kwistjoni, liema fedina penali kienet wahda netta. Ma gietx esebita fedina penali ricenti mill-prosekuzzjoni.

Illi fil-15 t'Ottubru, 2014 Charisse Boffa, ufficcjal tal-Probation Services xehdet u ipprezentat ir-rapport taghha[4], li huwa wiehed pozittiv. Il-Qorti pero' ma tistax ma tqisx dak li ntqal mill-Probation Officer u cioe' illi l-imputat kien jabbuza mill-pjanta cannabis, anke meta kien qed jistudja l-Universita[5], izda minn zmien 'il hawn ghamel progress, ghadu jattendi d-detox centre u t-testijiet ghat-tracci tad-droga fl-urina irrizultaw dejjem fin-negattiv. Dan, ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, huwa fattur li jrid jittiehed in konsiderazzjoni fid-determinazzjoni tal-piena.

F'dan il-kaz il-Qorti mhix se tiehu qies tat-trapass taz-zmien u dan stante li d-dewmien f'dawn il-proceduri kien dovut ghad-difiza tant illi l-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha fit-22 ta' April 2002, fil-waqt illi d-difiza ghalqet definittavament il-provi taghha fit-30 ta' April 2014.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 8(a), 22 (1) (a), 22 (2) (b) (ii), tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt illi ssib lill-imputat hati ta' l-ewwel akkuza,  qed tilliberah mit-tieni u mit-tielet akkuza. U bl-applikazzjoni tal-Artiklu 29 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta'

---

[4] A folio 151 et sequitur tal-process.

[5] Ara xhieda taghha a folio 151.

Malta u in konsiderazzjoni tal-fatt illi l-imputat kien minuri fiz-zmien li kkommetta r-reat, tikkundannah multa ta' seba' mija u hamsin Ewro (€750), li stante illi prezentament l-imputat jinsab minghajr impjieg full-time bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas mill-hati fi zmien sitt (6) xhur mil-lum. B'dan illi jekk il-hati jonqos li jhallas din is-somma fiz-zmien lilu preskritt, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita in konnessjoni mal-kaz odjern hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni. Din l-ordni qed tinghata stante illi fil-process ma tirrizulta l-ebda nota li tali droga giet distrutta minkejja l-ordni relattiva tal-Qorti tat-03 ta' Mejju 2001, a folio 7 tal-process.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem semplici l-import ta' din is-sentenza.

***(ft)Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur